MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 278/2000/1

**Josephine sive Joyce Dixon personalment u ghan-nom ta' bintha minuri Chantal Dixon**

**vs**

**Dr Lennart Depasquale LL.D. u l-Prokuratur Legali Edgar Montanaro nominati b'Digriet tat-12 ta' Novembru 1999 kuraturi biex jirrapprezentaw lill-assenti James Harlan Dixon**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fit-2 ta' Dicembru 1990, u minn dan iz-zwieg kellhom tifla, Chantal (li twieldet fit-13

ta’ Ottubru 1992) li ghadha minuri u li qieghda tghix ma u tinsab taht il-kustodja tal-attrici;

Illi l-hajja konjugali bejn l-attrici u zewgha giet resa impossibbli minhabba abbandun, eccessi, mohrqrija, tehdid u ingurji gravi da parti ta’ zewgha fil-konfront tal-attrici, u anke ghaliex iz-zwieg tkisser irremedjabilment kif se jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-attrici giet awtorizzata b’digriet mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civli tas-7 ta’ Dicembru 1999, biex tistitwixxi din il-kawza;

Illi b’sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-4 ta’ Mejju 1999 (fil-kawza numru 731/96/VDG) l-attrici nghatat il-kura u l-kustodja tal-imsemmija minuri, u l-konvenut gie kkundannat ihallas lill-attrici manteniment ta’ Lm45 fix-xahar ghall-minuri;

Illi, minn dak in-nhar tas-sentenza, il-konvenut ma hallas ebda manteniment;

Illi l-istess attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi m’ghandiex din il-Qorti:

(1) tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn l-attrici u zewgha l-konvenut;

(2) tapplika, f’kollox jew f’bicca, fil-konfront tal-konvenut il-provediment tal-artikoli 48, 49, 51 u 55 tal-Kodici Civili;

(3) tittermina u tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

(4) tillikwida l-istess kommunjoni tal-akkwisti biex l-istess tigi divisa f’zewg prozjonijiet, mehud kont tal-kreditu favur l-attrici ghall-manteniment tat-tifla, kif fuq inghad;

(5) tassenja dawn iz-zewg porzjonijiet wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond Awla tal-Qorti Civili, kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda a fol 4 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati a fol 9 fejn gie eccepit:

1. Illi huma f'dan l-istadju mhumiex dedotti mill-fatti tal-kawza;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda a fol 10 tal-process;

Rat il-verbali tal-31 t'Ottubru 2000 fejn Dr Tonio Mallia ghall-attrici prezenti talab li ssir l-allegazzjoni tal-atti tal-kawza 731/96/VDG deciza fl-4 ta' Mejju 1999. Il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarja Dr Mariella Gonzi biex tigbor il-provi; tal-14 ta' Frar 2001 u tas-17 ta' Settembru 2001.

Rat is-seduti kollha mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju u d-dokumenti hemm esebiti u x-xhieda hemm moghtija.

Rat ir-rikors tal-konvenut tal-4 ta' Settembru 2001.

Rat il-verbal tas-seduti tat-2 ta' Novembru 2001 fejn il-Qorti provdiet fuq ir-rikors prezentat mill-konvenut fl-4 ta' Settembru 2001 u laqghat it-talba; tat-22 ta' Frar 2002, tal-21 ta' Mejju 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, u Dr Depasquale ghall-konvenut nforma lill-Qorti li l-konvenut ma kkomunikax mieghu u prezenta nota b'zewg ittri, il-Qorti ddikjarat il-provi tal-konvenut maghluqa; tat-30 ta' Mejju 2002 u tat-23 t'Ottubru 2002 fejn Dr Depasquale esebixxa ittra ohra li baghat lill-konvenut, il-Qorti ordnat li ssir l-allegazzjoni ndikata fil-verbal tal-31 ta' Ottubru 2000

u d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m’ghandhomx aktar provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 t’April 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Din hija kawza li saret mill-attrici sabiex tigi dikjarata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bit-talbiet kollha konsegwenzjali ghall-istess fuq indikati fic-citazzjoni attrici.

Illi l-provi f’din il-kawza huma bazikament dawk prodotti mill-attrici fil-kawza fl-ismijiet “Josephine sive Joyce Dixon pro et noe vs Avukat Dr. Anthony Cutajar et noe” deciza fl-4 ta’ Mejju 1999 (VDG) u fil-fatt tali process gie allegat ma’ din il-kawza skond digriet ta’ din il-Qorti tal-31 ta’ Ottubru 2000.

Illi milll-istess provi prodotti jirrizulta li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha fuq kollox minhabba li bla kliem u bla sliem, il-konvenut assenti, li huwa ta’ nazzjonalita` Amerikana, kien abbanduna lil attrici u lil bintu fi Frar 1996. Minn dakinhar is-sitwazzjoni ma tbiddlitx u allura dak riportat fl-imsemmi sentenza ghadu jsehh sa llum b’mod li l-attrici ghadha tfendi ghal rasha sabiex tmantni lill-istess minuri.

Illi jirrizulta wkoll mix-xhieda li kienet tat l-istess attrici permezz ta’ affidavit tal-11 ta’ April 1997, li ghalkemm ghall-ewwel il-konvenut ipprova jghix hajja ta’ ragel u missier sew, wara ftit taz-zmien, din l-attitudni tieghu inbidlet u jidher li huwa biss hares lejn l-interessi tieghu u baqa` bl-idea li kellu jmur lura lejn l-Amerika b’mod li traskura ghal kollox l-obbligi tieghu lejn martu u lejn l-istess bintu. B’dan ghalhekk li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

Illi it-tieni talba attrici ghandha tigi wkoll milqugha b'dan li konsegwenza tal-imsemmi abbandun tal-konvenut, l-artikolu 48 ghandu japplika *in toto* fir-rigward tal-konvenut u *ai termini* ta' l-aritkolu 48 1(c) id-data tal-firda ghandha tigi stabbilita bhala dik ta' Frar 1996.

Illi t-tielet talba ghandha tigi wkoll milqugha fis-sens li l-kommunjoni ta' l-akkwisti ghandha tigi dikjarata xolta b'effett mill-istess data ta' Frar 1996.

Illi dwar il-likwidazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti, jirrizulta mill-provi li m'hemm xejn ta' valur x'jigi likwidat mill-istess, kemm ghaliex id-dar matrimonjali giet akkwistata mill-attrici qabel iz-zwieg taghha mal-konvenut permezz ta' kuntratt pubbliku, ppubblikat minn Nutar Antoine Agius datat 23 ta' Ottubru 1990, u *di piu`* il-maggoranza ta' l-ghamara giet mixtrija mill-attrici wara l-abbandun tal-konvneut minn Malta u l-ftit ghamara li nxtrat waqt iz-zwieg hija ta' valur zghir kif indikat a fol. 13 tal-process u ghal kull effett u *buon fini* tal-ligi ghandha tig assenjata lilha.

Mill-bqija, ghal dak li jirrigwarda l-kura u l-kustodja tal-minuri li m'hix imsemmija f'din l-azzjoni, diga` gie provdut bis-sentenza fuq citata bejn l-istess partijiet datata l-4 ta' Mejju 1999.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonjiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** kif hawn premess billi:

(1) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn l-attirici u l-konvenut, dan minhabba li l-hajja konjugali ta' bejnthom giet reza mpossibbli minhabba abbandun eccessi, mohqriha, theddid u ngurji gravi da parti ta' zewgha fil-konfront ta' l-attrici.

(2) Tapplika f'kollox fil-konfront tal-konvenut il-provvedimenti ta' l-**artikolu 48 tal-Kodic Civili** u *ai fini* ta'

l-**aritkolu 48 (1) (c)** tistabbilixxi d-data tal-firda bhala dik ta’ Frar 1996.

(3) Tittermina u tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b’effett minn Frar 1996

(4) Tillikwida l-istess kommunjoni tal-akkwisti b’dan illi jinghad li din tikkonsisti biss f’oggetti ta’ ftit valur konsistenti fi *spare bedroom*, kcina u *hallway furniture*, u wkoll b’applikazzjoni tal-**artikou 48 (1) (c)** l-istess ghamara qed tigi assenjata *in toto* lill-istess attrici u f’dan il-kuntest qed jittiehed ukoll in konsiderazzjoni il-fatt li l-konveut naqas milli jmantni lill-attrici u lil bintha nkluz ukoll wara l-abbandun tieghu.

(5) Tassenja kif provdut fir-raba` talba attrici appena deciza, l-imsemmija mobbli lill-istess attrici filwaqt li jigi dikjarat li m’hemm xejn x’jigi assenjat lill-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti civili filwaqt li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------